MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2014

Numru. 339/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Ismail Mohamed Elbasha**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 6 t'Awissu, 2014 migjuba fil-konfront ta` Ismail Mohamed Elbasha ta' 28 sena, bin Mohamed u Nagia Nutfia, imwieled Tripoli, Libja nhar 05/04/1986 u residenti fi Flat bin-numru mhux maghruf, Triq l-Ilma, Swieqi u detentur tal-passaport Libjan numru *130303/2006* fejn l-imputat gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 t'Awissu 2014 u fil-jiem ta'qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' 1-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew Ii jfomi d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fomuta Iilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 29211939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ordni tal-Avukat Generali moghtija minnu nhar is-6 t'Awissu 2014 fejn ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-istess imputat iwiegeb ghall-akkuzi tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti l-ohra kollha fosthom il-passaport Libjan u l-fedina penali ta' **Ismail Mohamed Elbasha**, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghal parir legali u l-istqarrija moghtija minnu datata illum stess.

Rat li filwaqt li l-Ispettur Bondin spjega c-cirkostanzi li waslu ghall-arrest tal-imputat, d-difiza ma kkontestatx l-arrest u konsegwentement il-Qorti qieset li l-arrest gie ezegwit skont il-ligi.

Rat li wara li l-Ispettur Bondin qara u kkonferma bil-gurament tieghu l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Rat li wara li l-Qorti spjegatlu bl-aktar mod solenni il-konsegwenzi kollha li jitnisslu mill-istqarrija tal-ammissjoni tieghu ghar-reat addebitat lilu, taghtu ftit zmien sabiex jirtira l-ammissjoni tieghu.

Rat li wara li nghata dan iz-zmien, anke wara li kkonsulta mal-Avukat tal-ghajnuna legali Dottor Joseph Mizzi, l-imputat tenna li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija tal-imputat din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssibu hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn l-Ufficjal Prosekutur spjega lil Qorti illi l-ammont ta' droga kokaina misjuba f'dal-kaz kien wiehed zghir u kif ukoll illi ma rrizultax li l-imputat kien mahkum mill-vizzju tal-abbuz tad-droga u li deher li din kienet avventura wahdanija u li f'dan il-kaz hemm lok li din il-Qorti tikkonsidra l-

applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Avukat tal-Ghajnuna legali li minn naha tieghu aderixxa mas-sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur.

***Ghaldaqstant : -***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 tal-1939] qed issib lill-imputat **Ismail Mohamed Elbasha,** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess, hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi minhabba x-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi fl-Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta biex b’hekk il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta’ sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti fissret lil **Ismail Mohamed Elbasha** bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista jinghata sentenza ghar-reat originali.

***Moghtija illum, 6 t’Awissu 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------